# Il-Ħadd 08.03.2020

1. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn, 09/03 PM: Triq Santa Marija, Sqaq San Mikiel, Misraħ u Triq San Ġużepp, Triq San Franġisk, u Triq il-Puniċi
   - It-Tlieta, 10/03 PM: Triq San Pawl
   - L-Erbgħa, 11/03 PM: Triq il-Kenn
   - Il-Ħamis, 12/03 PM: Triq l-Iskola
   - Il-Ġimgħa, 13/03 PM: Triq il-Ħajt Ruman
2. It-Tlieta 10/03:
   - Mit-8:00pm 'il quddiem: It-Tieni laqgħa tal-**Eżerċizzi għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ**. Issir fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali.
3. L-Erbgħa 11/03:
   - Dun Karm Zammit, saċerdot mill-parroċċa tagħna li bħalissa qiegħed id-Dar tal-Kleru f'Birkirkara, jiċċelebra it-53 sena minn mindu ġie ordnat saċerdot (11/03/1967). Nawgurawlu, nifirħulu u bla dubju nkomplu nitolbu għalih.
4. Il-Ħamis 12/03:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.
5. Is-Sibt 14/03:
   - L-Uffiċċju *Missio* ser jorganizza maratona fuq l-istazzjonijiet ewlenin tat-television bejn 12:00pm - 12:00am bil-għan li jinġabru fondi għax-xandir tal-evanġelju, formazzjoni tas-seminaristi u tfal u diversi proġetti oħra fl-artijiet tal-missjoni. Jitlob il-koperazzjoni u l-ġenerożità tagħkom.
   - Fit-8:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fl-10:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali tal-Għargħur.
6. Il-Ħadd 15/03, **it-Tielet Ħadd tar-Randan**:
   - Il-Ġabra tkun waħda speċjali b'risq is-Seminarju.
7. It-Tnejn 16/03:
   - Fis-7:15pm: Laqgħa għall-Ġenituri tat-tfal li se jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina din is-sena. Din ser issir fil-Museum tas-Subien.
8. It-Tlieta 17/03:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru r-Redentur tal-Bażilika tal-Isla fejn ikollna ħin ta' Qrar, Via Sagra u Quddiesa, u wara Coffee Morning. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
9. Avviżi oħra:
   - Matul din il-ġimgħa s-soċji u l-katekisti tal-Museum Bniet ser ikunu qed jattendu l-Eżerċizzi spiritwali għalihom u għaldaqstant mhux ser ikun hemm lezzjonijiet tal-katekiżmu għall-bniet matul din il-ġimgħa.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 255 bħala ġabra speċjali għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
    - € 540 bħala donazzjonijiet bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.